



Stampa u Informazzjoni

IL-MANDAT TA' REĠISTRATUR TAL-QORTI ĠENERALI TA' EMMANUEL COULON IMĠEDDED

Emmanuel Coulon, Reġistratur tal-Qorti Ġenerali mis-6 ta' Ottubru 2005, li l-mandat tiegħu jiskadi fil-5 ta' Ottubru 2011, inġatar mill-ġdid fil-funzjonijiet tiegħu fit-13 ta' April 2011, għall-perijodu li jmur mis-6 ta' Ottubru 2011 sal-5 ta' Ottubru 2017.

Ir-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali ġie elett mill-Imħallfin għal mandat ta' sitt snin.

Emmanuel Coulon

Imwieled fl-1968; studji tal-liġi (Università Panthéon-Assas, Pariġi); studji tal-maniġment (Università Paris-Dauphine); Collège d'Europe (1992); eżami tad-dħul fiċ-ċentru reġjonali tat-taħriġ għall-professjoni ta' avukat ta' Pariġi; ċertifikat ta' approvazzjoni għall-professjoni ta' avukat mill-barreau de Bruxelles; eżerċizzju tal-professjoni ta' avukat fi Brussell; kandidat li għadda minn kompetizzjoni ġenerali tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej; référendaire fil-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (uffiċċju tal-President Saggio, 1996-1998; uffiċċju tal-President Vesterdorf, 1998-2002); Kap tal-uffiċċju tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza (2003-2005); Reġistratur tal-Qorti Ġenerali mis-6 ta' Ottubru 2005.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355